

Lussemburgu, 16 ta' April 2018
(OR. en)

7735/18

COAFR 89
CFSP/PESC 319
COHOM 47
COHAFA 23
RELEX 303

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	16 ta' April 2018
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Sudan t'Isfel - Konklużjonijiet tal-Kunsill (16 ta' April 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sudan t'Isfel, kif adottati mill-Kunsill fit-3613-il laqgħa li saret fis-16 ta' April 2018.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sudan t'Isfel

1. L-2018 hija sena kritika għall-iżgurar tal-paċi fis-Sudan t'Isfel hekk kif jintemm il-mandat tal-Gvern Transizzjonali ta' Għaqda Nazzjonali (TGoNU), kif stipulat fil-Ftehim dwar ir-Risoluzzjoni tal-Konflitt fis-Sudan t'Isfel (ARCSS). L-UE tappoġġa bis-sħiħ l-isforzi tal-Awtorità Intergovernattiva għall-Iżvilupp (IGAD) biex tindirizza s-sitwazzjoni u ġġib il-paċi fis-Sudan t'Isfel permezz tal-Forum ta' Livell Għoli għar-Rivitalizzazzjoni (HLRF). Il-partijiet ikkonċernati kollha jenħtieġ li jkunu jistgħu jipparteċipaw fl-HLRF b'mod liberu u mingħajr biża'. L-UE tilqa' r-rwol prominenti tas-soċjetà ċivili, iż-żgħażaġħ, in-nisa u l-organizzazzjonijiet ibbażati fuq it-twemmin matul l-ewwel żewġ fażijiet tal-Forum. Jeħtieġ li jiġi żgurat spazju politiku għall-parteċipazzjoni tagħhom, kif ukoll għal gruppi vulnerabbli.

Filwaqt li l-ARCSS jibqa' l-bażi għall-proċess, id-diskussjonijiet jeħtieġ li jirriflettu r-realtà fuq il-post. L-UE tibqa' profondament imħassba dwar il-ġlied kontinwu u l-ksur u l-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem li ħolqu livelli orribbli ta' tbatija umana u ħallew il-pajjiż fi stat ta' rovina. L-UE tħeġġeġ lill-partijiet kollha għan-negozjati biex qabel kollox jagħtu l-aktar importanza lill-futur tal-pajjiż u l-ħtiġijiet tal-poplu tiegħu.

2. L-UE tħeġġeġ lill-partijiet kollha għall-konflitt fis-Sudan t'Isfel biex immedjatament jieqfu mill-ġlied u jipparteċipaw b'mod bona fide fil-proċess ta' paċi. Matul l-HLRF, il-partijiet kollha jeħtieġ li juru aktar impenn ta' veru u jkunu serji fir-rieda tagħhom li jaqblu dwar: qsim tar-responsabbiltà rivedut u vijabbli; strutturi ta' governanza realistiki u responsabbli li jirriflettu d-diversità politika, reġjonali u etnika tal-pajjiż; perijodu transizzjonali ċar; u arranġamenti fis-settur tas-sigurtà mmonitorjati, dejjiema u effettivi li ma jistgħux jintużaw biex jippromovu l-interessi ta' xi grupp individwali partikolari. Din hija premessa li fuqha għandhom jinbnew il-paċi u l-istabbiltà sostenibbli u dejjiema fis-Sudan t'Isfel.

3. L-UE tilqa' l-iffirmar fil-21 ta' Diċembru 2017 tal-Ftehim dwar il-Waqfien tal-Ostilitajiet, il-Protezzjoni tal-Popolazzjoni Ċivili u l-Aċċess Umanitarju (CoHA). Madankollu, l-UE hija profondament ixxukkjata bil-ksur kontinwu tal-ftehim min-naħat kollha. Jeħtieġ li l-partijiet kollha iwaqqfu immedjatement il-ksur militari u tipi oħra ta' ksur tal-ftehim, inkluż it-tfixkil tal-operazzjonijiet umanitarji, il-propaganda ostili, u l-fastidju tas-soċjetà ċivili, il-media u l-Mekkaniżmu ta' Monitoraġġ dwar Arranġamenti tas-Sigurtà ta' Transizzjoni u ta' Waqfien mill-Ġlied (CTSAMM). L-UE tfaħħar il-ħidma li saret mis-CTSAMM s'issa fir-rapportar dwar il-ksur tal-CoHA f'ċirkostanzi diffiċli. Huwa kruċjali li l-partijiet jiżvelaw mingħajr kondizzjonijiet l-informazzjoni marbuta mal-unitajiet militari tagħhom sabiex l-Unjoni Afrikana (UA) tkun tista' tieħu azzjoni kontra dawk responsabbli. L-UE tappella lill-partijiet kollha biex jappoġġaw il-proċess ta' verifika, inkluż permezz tal-faċilitazzjoni tal-aċċess għas-CTSAMM.
4. L-UE tilqa' bis-sħiħ ir-rwol importanti tal-UA, u l-isforzi bla waqfien tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) u l-Missjoni tagħha fis-Sudan t'Isfel (UNMISS) biex jipproteġu l-popolazzjoni ċivili u jappoġġaw il-proċess ta' paċi. L-UE ttenni l-appelli tagħha li jeħtieġ li l-UNMISS, inkluż il-Forza ta' Protezzjoni Reġjonali (RPF), ikunu jistgħu jwettqu l-mandati tagħhom skont ir-Riżoluzzjoni 2406 tal-KSNU (2018). Hija tenfasizza l-ħtieġa ta' approċċ magħqud mill-pajjiżi kollha tar-reġjun.

5. L-UE tibqa' serjament imħassba dwar is-sitwazzjoni umanitarja katastrofika persistenti li nħolqot l-iktar minħabba l-konflitt li għaddej. Seba' miljun persuna - żewġ terzi tal-popolazzjoni - huma fi bżonn urġenti ta' assistenza umanitarja bħala riżultat ta' aktar minn erba' snin ta' konflitt, fejn it-tfal huma partikolarment milquta. Aktar minn erba' miljun persuna huma spostati, inkluż 'il fuq minn żewġ miljuni li ħarbu lejn pajjiżi ġirien. L-organizzazzjonijiet umanitarji jibqgħu jiffaċċaw theddid ta' sigurtà u tipi oħra ta' tfixkil, inkluż impedimenti burokratiċi. Il-partijiet għall-konflitt jibqgħu jiddevjaw ir-riżorsi, inkluż permezz ta' miżati tal-permessi tax-xogħol eċċessivament għoljin u taxxi arbitrarji. L-UE tikkundanna l-attakki kollha fuq il-persunal umanitarju u thegġegħ lill-partijiet kollha għall-konflitt biex jagħtu aċċess liberu, sigur u mingħajr tfixkil għaż-żoni kollha, f'konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali. L-UE tappella wkoll għal azzjonijiet kollettivi b'saħħithom mid-donaturi kollha, l-aġenziji tan-NU u l-NGOs, sabiex isir rispons b'mod aktar sistematiku u deċiżiv. L-UE tappella lill-partijiet kollha biex jikkonformaw mad-dritt umanitarju internazzjonali, biex jipproteġu l-popolazzjoni ċivili u jiffaċilitaw il-kura medika. Aktar minn qatt qabel, hemm il-ħtieġa kruċjali ta' aċċess konsistenti u sigur għall-assistenza umanitarja biex tiġi prevenuta ripetizzjoni tal-karestija tal-2018.

6. L-UE tikkundanna bl-aktar mod qawwi attackki kontra l-popolazzjoni ċivili, inkluż, iżda mhux biss, dawk irrapportati mill-Kummissjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fis-Sudan t'Isfel (CHRSS). Qed jiġu ddokumentati u rrapportati b'mod regolari ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, li uħud minnhom jistgħu jitqiesu bħala delitti tal-gwerra, inkluż vjolenza minħabba etniċità, stupru u forom oħra ta' vjolenza sesswali u sessista, reklutaġġ u użu ta' tfal matul il-konflitt, għajbien sfurzat u detenzjoni f'iżolament, arrest u detenzjoni arbitrarji, kif ukoll tortura. L-ispazju li fih id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-ġurnalisti jaħdmu b'mod liberu qed ikompli jiċkien fil-pajjiż kollu. Il-kultura ta' impunità ma tistax titħalla titkompla; l-UE tenfasizza l-ħtieġa urġenti li din tintemm u ttenni l-appelli tagħha lill-partijiet kollha biex iżommu responsabbli l-awturi tar-reati u jiżguraw rimedji effettivi għall-vittmi. L-UE tappoġġa bis-sħiħ l-implimentazzjoni ta' istituzzjonijiet ġudizzjarji transitorji fis-Sudan t'Isfel u thegħeġ lit-TGoNU jagħmel progress fil-mekkaniżmi previsti fil-Kapitolu V tal-ARCSS, u b'mod partikolari jiffirma mingħajr aktar dewmien il-Memorandum ta' Qbil dwar l-istabbiliment ta' Qorti Ibrida għas-Sudan t'Isfel. L-UE ser tappoġġa l-operazzjoni effettiva tal-mekkaniżmu fil-futur.
7. L-UE tikkundanna bil-qawwa l-livelli għolja ta' korruzzjoni u flussi finanzjarji illeċiti li jkomplu jhegħu l-konflitt. Hija tappella għal aktar responsabbiltà finanzjarja, aderenza mal-istandards finanzjarji internazzjonali u involviment responsabbli mas-setturi finanzjarji reġjonali u internazzjonali u tinkoraġġixxi lis-Sudan t'Isfel jingħaqad mal-Grupp tal-Afrika tal-Lvant u tan-Nofsinhar Kontra l-Ħasil tal-Flus. Dan huwa kruċjali sabiex jinbeda l-proċess tal-bini mill-ġdid tal-fiduċja tal-poplu u tas-sħab internazzjonali fil-ġestjoni tal-fondi pubbliċi fis-Sudan t'Isfel. L-UE hija profondament imħassba dwar l-importazzjoni kontinwa tal-armi u allegazzjonijiet ta' kompliċità reġjonali. L-UE ser tkompli tapplika l-embargo awtonomu tagħha fuq l-armi u ttenni l-appell għal embargo fuq l-armi min-NU. L-UE tfaħħar id-deċiżjoni tal-61 Kunsill tal-Ministri tal-IGAD tas-26 ta' Marzu 2018 biex isiru sanzjonijiet immirati kontra individwi li jiksru l-CoHA, u tinkoraġġixxi lill-UA biex timplimenta din id-deċiżjoni. L-UE tibqa' lesta tapplika l-miżuri xierqa kollha lil dawk li jfixxlu l-proċess politiku.

8. Ladarba jintlaħaq qbil fl-HLRF u tibda transizzjoni ġdida, il-gvern il-ġdid tas-Sudan t'Isfel ser ikollu jiffaċċa sfidi kritiċi. L-ewwel u qabel kollox, irid jinkiseb waqfien mill-ġlied permanenti. Jenħtieġ li jiġu żgurati s-sigurtà tal-popolazzjoni u kondizzjonijiet umanitarji mtejbja biex jitrawwem ambjent sigur għar-ritorn volontarju eventwali tar-refuġjati u l-persuni spostati f'pajjiżhom. Il-proċess tar-reviżjoni kostituzzjonali jenħtieġ li jiġi kkompletat b'mod inklużiv, filwaqt li jiżgura spazju politiku u ċiviku miftuħ. Jenħtieġ li jitħejjew proċessi ta' responsabbiltà, rikonċiljazzjoni u rakkont tal-verità, peress li dawn huma elementi essenzjali għall-ġhoti ta' ġustizzja lill-popolazzjoni. Dawn ser iwittu t-triq biex l-awtoritajiet transizzjonali jħejju għal elezzjonijiet inklużivi u kredibbli fi skeda ta' żmien riveduta. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-UE tkun lesta tqis l-aħjar mod biex tappoġġa lis-Sudan t'Isfel fi triqtu lejn il-paċi u l-istabbilizzazzjoni.
-